# G W I D A   G Ħ A T - T A L B



## AGĦŻEL ĦIN

* Ara li jkun ħin stabbilit, iddedikat biss għat-talb.
* Ipprova ara li jkun 1-aħjar ħin għat-talb li tista' ssib.

## AGĦŻEL POST

* Hemm bżonn li ma jkun hemm xejn li jtellfek

## INTELAQ FIT-TALB

* Eżamina 'l-kuxjenza tiegħek u itlob maħfra għal dnubietek: (Mattew 5:23-24; 6:14-15; Salra 51:1-5; Salm 130)
* Ħalli fil-ġenb kull ansjeta', problema u diffikulta'.
* Tħallihomx jeħdulek post il-ħin tiegħek mal-Mulej; Hu s-Sultan ta kollox. *(Lhud 12:1-2)*

**Ġ**ib f'moħħok u aċċetta 1-veritajiet tar-rivelazzjoni:

* Alla ħallqek daqs kemm iħobbok u jibqa jħobbok dejjem (Ġenesi 1:27-31; 1 Ġwanni 4:10-11)
* Alla bagħat lil Ġesu' biex jagħtina 1-ħajja (Ġwanni 3:16; Efesin 2:4-5)
* Ġesu miet u rxoxta rebbieħ fuq il-mewt (Rumani 5:12-18; 1 Kor. 15:22-26)
* Ġesu wegħdna li jkun magħna u li jibgħatilna 1-Ispirtu s-Santu (Ġwanni 14:16; 14:26; 16:7; Atti 2:1-4)
* Ġesu jidħol għalina quddiem il-Missier fis-sema (Rumani 8:34; Lhud 7:25; 1 Ġwanni 2:1)
* Ġesu' jerġa' jiġi (Mattew 16:27; 25:34)

**M**inn qalbek għid IVA għal dawn il-veritajiet t' hawn fuq kull jum.

## IDĦOL FIL-PRESENZA TAL-MULEJ

**F**aħħar 'l-Alla

* Hu jixraqlu kull tifħir (Salm 95; 136; 150; Lhud 13:15; 1 Pietru 2:9)
* Faħħar b'vuċi għolja 'l- Missier, 'l-Iben (Ġesu') u lill-Ispirtu tal-Verita.
* Tkellem mal-Mulej

**A**għmel mistoqsijiet (Mattew 7:7-11)

* Isma sewwa 'l-Missier ikellmek f' qalbek u f' moħħok hekk kif taqra 1-iskrittura jew tinżel għarkobbtejk quddiemU
* Irrifletti fuq il-kelma tiegħU
* Oqgħod fil-presenza tiegħU

## Interċedi bil-fiduċja u bil-fidi

* Għal ħobżna ta kulljum: Itlob għad-dinja, il-Knisja, ħbiebek, il-familja, għalik innifsek.
* Għal maħfra: hekk kif int taħfer lill-oħrajn.
* Għas-saħħa biex tkun tista' tiffaċċja 1-ġurnata u 1-provi li jkollok
* Għall-protezzjoni minn kull ħażen.

QABEL TIPIĊĊA MIT-TALB IKTEB



X'qallek il-Mulej

X'uriek

X'ħassejt li għandek twettaq u tiftakar matul il-jum sabiex it-talb tiegħek jagħmel il-frott.